# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 559/2019/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Giuseppe Gatt**

Illum 28 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Giuseppe Gatt**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 493445(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar l-20 ta' April 2019 fil-ħinijiet ta' wara nofsinhar, ġewwa Triq il-Kbira, Mosta:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Michael-Angelo-Raimondo Ebejer f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, liema ħsara hija ta' natura gravi hekk kif ċċertifikat minn Dr. Maria Barbara MD (Numru mediku 5926);

2. inġurja u/jew hedded lil Michael-Angelo-Raimondo Ebejer b'inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, anke jekk kien ipprovokat, inġurjat u b'mod li ħareġ il-barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra Giuseppe Gatt a benefiċċju ta' Michael-Angelo-Raimondo Ebejer.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Settembru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 214, 215 u 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati u kkundannatu sena (1) priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet sospiża għal sena (1) minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. *Ai termini* ta' Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat jikkumpensa lil parte leża fl-ammont ta' sitt mitt Euro (€600). A tenur ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ħarġet Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Michael-Angelo-Raimondo Ebejer u familtu għal żmien tliet (3) snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-8 ta' Ottubru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tbiddel u tvarja is-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Onor. Qorti fit-23 ta' Settembru 2024 u tillibera lill-appellant mill-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu, u sekondarjament, fin-nuqqas, takkordalu piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fl-4 ta' Novembru 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-23 ta' Settembru 2024.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw aggressjoni fejn jidher li waqt li l-appellant allura imputat kien għaddej quddiem il-każin Nicolo Isouard fil-Mosta huwa ltaqa' mal-*parte civile* Michael-Angelo-Ramondo Ebejer. Il-verżjonijiet mogħtija mill-*parte civile* u l-appellant huma divergenti, b'dana illi l-verżjoni mogħtija mill-appellant tpinġi sitwazzjoni fejn il-*parte civile* aggredieh filwaqt li fil-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* jidher li kien l-appellant li beda joffendi lill-*parte civile* sakemm l-istess appellant aggredieh (lill-*parte civile*) u kkaġunalu feriti ta' natura gravi.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Diċembru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Aquilina** (Numru 433/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "5. Għalhekk bħala regola[1] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala

[1] "u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali *entro* l-parametri ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża."

> regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu nġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[2]"

Illi din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu. Għal kull buon fini jingħad li f'paragrafu bin-numru ħamsa (5) fir-Rikors tal-appell tal-appellant hemm imniżżel hekk: *"Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti filli l-Ewwel Onor. Qorti ma messha qatt sabet lill-appellant ħati u sekondarjament kellha tagħti piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi."* Tenut kont ta' dan, din il-Qorti tqies li l-appellant ressaq żewġ aggravji: wieħed dwar il-fatt li huwa ma messux instab ħati mill-Ewwel Qorti u ieħor dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li mill-provi li hemm fl-atti proċesswali, l-Ewwel Qorti ma messha qatt sabitu ħati. Dwar l-analiżi tal-fatti, l-appellant filwaqt li jgħid li hija sostanzjalment korretta jispjega li l-Ewwel Qorti naqset milli ssemmi li huwa kien qed jiddefendi ruħu. Jispjega li s-sitwazzjoni hija dik ta' verżjonijiet kunfliġġenti u n-natura tad-difiża hija dik ta' *self-defence*. Jgħaddi sabiex jagħmel riferenza għall-analiżi legali magħmula mill-Ewwel Qorti. Dwar dan jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet numru ta' suppożizzjonijiet li ma humiex aċċettabbli

[2] "U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali."

fil-kamp legali. Jisħaq li jekk wieħed ser jidħol fil-kamp tas-suppożizzjonijiet wieħed allura jista' jissupponi fuq kollox. Isemmi li l-Ewwel Qorti ma semmiet xejn dwar il-fatt li l-*parte civile* daħal fil-każin biex iġġib tazza u jgħid li r-raġuni għalfejn daħal fil-każin hija dik sabiex iġib tazza biex jagħti biha. L-appellant jisħaq li sabiex l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni tagħha hija skartat proprju l-prinċipju minnha msemmi u ċioè li meta jkun hemm verżjonijiet kunfliġġenti jrid ikun hemm elementi li jwasslu għal konvinċiment morali illi l-fatti ġraw kif deskritt minn parti u mhux parti oħra. Ikompli li fil-kamp kriminali japplika l-prinċipju li l-livell ta' prova jrid jisboq id-dubju raġonevoli u jekk jkun għad hemm xi dubju raġonevoli dwar il-ħtija din għandha tmur favur il-persuna mixlija. Isostni li f'dan il-każ ma hemmx provi għajr il-kelma tal-partijiet u għalhekk jistaqsi fuq liema bażi l-Ewwel Qorti emmnet lill-*parte civile*.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li tabilħaqq xhud wieħed jekk emmnut huwa biżżejjed sabiex tinstab ħtija. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Farrugia et** (Numru 17/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-

Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[3] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**:[4]

> "mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għall-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali w tasal għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hix ser temmnu jew ma temmnux."

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom – kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta – mhux dejjem neċessarjament twassal għal dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu

---

[3] "Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Bonavia** ppreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs. Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004."

[4] "Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono."

biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkellmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnissla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imressqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita', jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun

żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[5] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat u ser tapplikah għal dan il-każ li hija għandha quddiemha fejn il-Qorti hija affaċċjata b'żewġ verżjonijiet li jikkonfermaw punt wieħed u ċioè li kien hemm kollutazzjoni bejn il-*parte civile* u l-appellant b'dan illi dawn il-verżjonijiet jiddiverġu dwar kif ġrat tali kollutazzjoni.

Illi din il-Qorti qrat bir-reqqa l-verżjonijiet mogħtija mill-*parte civile* u mill-appellant allura imputat u tibda billi tgħid li ma taqbilx ma' dak li jgħid l-appellant dwar is-sentenza appellata u ċioè li hija mxiet fuq suppożizzjonijiet. Dak li l-appellant jindika bħala suppożizzjonijiet huma spjegazzjonijiet derivati mil-loġika għalfejn il-verżjoni mogħtija minnu ma kinitx kredibbli. Magħdud ma' dan, din il-Qorti żżid tgħid ukoll li huwa paċifiku li l-*parte civile* sofra feriti ta' natura gravi hekk kif ġie ċċertifikat minn Dr. Maria Barbara. Miċ-ċertifikat (*a fol.* 25) rilaxxat mill-imsemmija Dr. Barbara jirriżulta li l-istess ċertifikat ġie rilaxxat fit-3.11pm u mix-xiehda mogħtija minn PS 1161 Aldo Zammit (*a fol.* 33 *et seq.*) jirriżulta li l-*parte civile* l-ewwel mar l-Għassa u kien proprju huwa (PS 1161) li ħadu ċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta. Stante li l-akkadut seħħ wara nofsinhar, flimkien mal-viċinanzi ta' meta mar il-klinika tal-Mosta, ma hemmx dubju f'moħħ din il-Qorti li l-feriti riskontrati fuq il-*parte civile* huma riżultat tat-tilwima li kien hemm bejn il-partijiet.

Illi fid-depożizzjoni mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 90 *et seq.*), l-appellant allura imputat jgħid li huwa sofra feriti iżda ma ressaq l-ebda prova tanġibbli dwar dan. Mhux talli hekk, talli kif irrilevat l-Ewwel Qorti huwa jgħid li wara t-tilwima huwa mar

[5] "**R v. Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2."

id-dar u wara mar Ta' Qali. Fil-fehma ta' din il-Qorti din hija mġieba li turi li jekk l-appellant ġarrab xi ferita, din kienet ta' natura superfiċjali.

Illi għalhekk isegwi li l-verżjoni mogħtija mill-appellant titlef mill-kredibilita' meta mqabbla mal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni. Din il-Qorti tgħid dan ukoll minħabba f'ċertu dettalji li jagħti l-istess appellant. Fid-depożizzjoni tiegħu (*a fol.* 90 *et seq.*), l-appellant jgħid li l-*parte civile* daħal fil-ħanut iġib tazza u kissirha mal-poġġaman sabiex tkun bil-ponta. Din il-Qorti trid bilfors tirrimarka li dawn il-fatti mhux totalment kredibbli minħabba li kieku ġara hekk kien ifisser li sakemm il-*parte civile* daħal fil-każin u ġie lura huwa (l-appellant) qagħad jistenna sakemm il-*parte civile* aggredieh minflok dabbar rasu meta ra li ġejjin il-problemi. Punt ieħor li jħasseb lil din il-Qorti u li ġie wkoll identifikat mill-Ewwel Qorti huwa proprju l-bidla fil-verżjoni mogħtija mill-appellant meta fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija (Dok. "CC 2" – *a fol.* 22 *et seq.*) huwa jgħid li jista' jkun qabad xi ħaġa b'idu għalkemm ma kienx jiftakar eżatt, waqt li fid-depożizzjoni mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 90 *et seq.*) huwa biddel il-verżjoni tant li jgħid li ma ddefendiex ruħu u li jbagħti mill-marda tal-*parkinson's*. Bidla fil-verżjoni bħal din tħasseb ferm lil din il-Qorti speċjalment meta din l-aħħar verżjoni tiġi mqabbla mal-feriti rapportati mill-*parte civile*.

Illi meta jiġu mwieżna l-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet, din il-Qorti hija tal-fehma li l-provi ippreżentati kollha jippuntaw lejn direzzjoni waħda u ċioè lejn il-fatt li l-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* hija veritjiera.

Illi b'konsegwenza ta' dak kollu li ngħad hawn fuq dwar l-aggravju in eżami jirriżulta li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu, li tressaq b'mod sekondarju għall-aggravju l-ieħor, l-appellant jilmenta dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu b'dan illi huwa jgħid li kellu

jingħata piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi. Fit-talbiet tiegħu hekk kif kontenuti fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jitlob li f'każ li din il-Qorti tikkonferma l-ħtija tiegħu huwa għandu jingħata piena aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clifford Bugeja** (Numru 196/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "41. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb***, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta.

> Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:
>
> a. għall-offiża in kwistjoni u
>
> b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati
>
> u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni."

Illi minbarra dak ċitat hawn fuq din il-Qorti tinnota wkoll li r-reat li l-appellant allura imputat ġie mixli bih huwa wieħed marbut ma' vjolenza fuq il-persuna. Il-ġurisprudenza nostrana tgħallem li meta jkun hemm vjolenza fuq il-persuna l-piena l-aktar rakkomandabbli hija dik ta' piena ta' priġunerija effettiva. Dwar dan il-punt din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana** (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Fit-tieni lok l-appellant stqarr li l-piena inflitta kienet waħda eċċessiva fiċ-ċirkostanzi. L-appellant jgħid li l-ewwel qorti għamlet żball meta ġiet biex tapplika l-piena għaliex qieset il-piena li għandha timponi hija waħda ta' priġunerija mandatorja. Jingħad bla tlaqliq dan mhux minnu għaliex l-ewwel Qorti għamlet referenza għas-sentenzi ta' din il-Qorti li jgħidu li f'każ ta' aggressjoni konsistenza fi vjolenza fiżika fuq persuna l-piena idoneja hija dik ta' priġunerija. Naturalment dan ma jfissirx li hija mandatorja iżda li hija rakkomandabbli. M'hemmx dubju li l-piena mogħtija taqa' fil-parametri tal-liġi. Issa huwa ormai paċifiku li illi fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-

> liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti."

Illi apparti dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota wkoll li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant hija waħda fil-minimu tagħha u għalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm lok għal temperament fiha. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid ukoll li Ewwel Qorti akkordat il-benefiċċju li l-piena ta' priġunerija tiġi sospiża. Ma tressqet l-ebda raġuni valida li b'xi mod tista' twassal lil din il-Qorti sabiex tvarja l-piena in kwistjoni. Għalhekk anke it-tieni aggravju tal-appellant qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Giuseppe Gatt u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu msemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata għandu jibda jgħaddi mil-lum.

Finalment, din il-Qorti twissi lill-appellant bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv tas-sentenza.

____________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

____________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**